REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1661

tal-24 ta' Awwissu 2023

li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2023 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2022 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2021/91 ([2]), (UE) 2021/1888 ([3]), (UE) 2022/109 ([4]) u (UE) 2022/110 ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2023 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2022/2090 ([6]), (UE) 2023/194 ([7]) u (UE) 2023/195 ([8]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tapplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li tali tnaqqis għandu jiġi applikat fis-sena jew fis-snin ta' wara billi jiġu applikati l-fatturi ta' multiplikazzjoni rispettivi stabbiliti f'dawk il-paragrafi.

(5) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd allokati lilhom għas-sena 2022. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi applikat tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2023 u, fejn rilevanti, fis-snin ta' wara, għall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 tat-28 ta' Jannar 2021 li jiffissa, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 20).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1888 tas-27 ta' Ottubru 2021 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħrajn (ĠU L 384, 29.10.2021, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2090 tas-27 ta' Ottubru 2022 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220).

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1926 ([9]) stabbilixxa tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut fl-2022 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel. Fl-2021, il-Portugall qabeż il-kwota tas-sajd tiegħu għall-inċova fiż-żoni 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (ANE/9/3411). Wara t-talba tal-Portugall fit-22 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni qablet li tqassam it-tnaqqis fuq sentejn f'konformità mal-punt 3(a) tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2022/C 369/03 ([10]) ("il-Linji Gwida"). L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2458 ([11]) jipprevedi li t-tnaqqis annwali għandu jammonta għal 1 477,376 tunnellata fl-2022 u fl-2023. Fid-19 ta' April 2023, meta jitqies li l-Portugall kien qed jistenna li jifdallu biżżejjed kwota fi tmiem l-istaġun tas-sajd tal-2022 għall-istokk ANE/9/3411, huwa talab lill-Kummissjoni biex tikkanċella t-tqassim fuq sentejn tat-tnaqqis. Għalhekk, il-Kummissjoni applikat it-tnaqqis kollu, jiġifieri 2 954,752 tunnellata – inkluż fattur ta' multiplikazzjoni ta' 1,40 – fuq il-kwota Portugiża għall-istokk ANE/9/3411 għall-istaġun tas-sajd tal-2022. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda tnaqqis pendenti li għandu jiġi applikat fuq il-kwota Portugiża allokata għall-istaġun tas-sajd tal-2023 għal dan l-istokk.

(7) Il-Linji Gwida ssostitwew il-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 biex tiġi adattata, fejn applikabbli, l-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis f'każ li tinqabeż waħda mill-kwoti għall-istokkijiet ġestiti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għall-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis ta' dawn l-istokkijiet stipulata fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ikkonċernati. Ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) dwar programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali ([12]) kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT għall-konservazzjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku ([13]) jistabbilixxu li kwalunkwe eċċess tal-kwota annwali aġġustata għas-sena 2022 għandu jitnaqqas mill-kwota/limitu tal-qbid rispettivi għall-2024. Abbażi ta' dan, it-tnaqqis – inkluż dak li jirriżulta minn fatturi ta' multiplikazzjoni applikabbli – minħabba sajd eċċessiv stabbilit fl-2022 għall-istokk tat-tonn obeż fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT) u l-istokk tal-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N), it-tnejn ġestiti mill-ICCAT, jenħtieġ li jiġi applikat biss fl-2024.

(8) Xorta jistgħu jsiru aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet wara li jiġu identifikati, għall-eżerċizzju attwali jew preċedenti, erruri, ommissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid iddikjarati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(9) Peress li l-kwoti jingħataw f'tunnellati, jenħtieġ li s-sajd eċċessiv ta' kwantitajiet inqas minn tunnellata ma jitqiesx,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għas-sena 2023 fir-Regolamenti (UE) 2022/2090, (UE) 2023/194 u (UE) 2023/195 għandhom jitnaqqsu kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1926 tal-11 ta' Ottubru 2022 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2022 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 67).

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u li tissostitwixxi l-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 (2022/C 369/03) (ĠU C 369, 27.9.2022, p. 3).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2458 tal-14 ta' Diċembru 2022 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2022 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 minħabba sajd żejjed ta' stokkijiet oħra fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1926 (ĠU L 321, 15.12.2022, p. 10).

([12]) Ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 19-02 li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 16-01 dwar programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali.

([13]) Ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni supplimentari 21-02 li testendi u temenda r-Rakkomandazzjoni 17-02 għall-konservazzjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2023 GĦALL-ISTOKKIJIET MISTADA B'MOD EĊĊESSIV

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali għall-2022 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess għall-2022 (kwantità adattata totali f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali fl-2022 (kwantità f'tunnellati)	Konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess	Sajd eċċessiv meta mqabbel mal-ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multipli-kazzjoni (2)	Fattur addizzjo-nali ta' multipli-kazzjoni (3), (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis applikabbli fl-2023 (kwantità f'tunnellati)
BE	SRX	07D.	Ir-rebekkini u r-raj	7d	134,000	136,500	137,765	100,93 %	1,265	/	/	/	1,265
BE	SRX	67AKXD	Ir-rebekkini u r-raj	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 6a, 6b, 7a-c u 7e-k	814,000	1 207,000	1 209,702	100,22 %	2,702	/	/	/	2,702
DE	HER	4AB.	L-aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni, tar-Renju Unit u dawk Norveġiżi taż-żona 4 fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	41 147,000	37 114,880	38 224,556	102,99 %	1 109,676	/	A (6)	/	1 109,676
DE	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	71,000	72,800	92,797	127,47 %	19,997	1,00	/	/	19,997
DK	COD	03AN.	Il-bakkal-jaw	L-Iskagerrak	1 515,000	1 503,751	1 521,783	101,20 %	18,032	/	C (6)	/	18,032
DK	COD	2A3AX4	Il-bakkal-jaw	Iż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; il-parti taż-żona 3a li mhijiex koperta mill-Iskagerrak u mill-Kattegat	1 951,000	1 980,700	2 018,970	101,93 %	38,270	/	C (6)	/	38,270
DK	HAD	03 A.	Il-merluzz tal-linja sewda	3a	2 225,000	2 508,851	2 735,449	109,03 %	226,598	/	C (6)	/	226,598

DK	HER	5B6ANB	L-aringa	Iż-żoni 6b u 6aN; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b	/	/	8,077	Mhux applikabbli	8,077	1,00	/		8,077
DK	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	2,038	Mhux applikabbli	2,038	1,00	/	/	2,038
DK	POK	1N2AB.	Il-pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	17,317	Mhux applikabbli	17,317	1,00	/	/	17,317
DK	PRA	4N-S62	Il-gamblu tat-Tramuntana	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N	200,000	203,000	205,041	101,01 %	2,041	/	/	/	2,041
DK	SPR	03 A.	Il-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati	3a	8 422,000	20,186	34,428	170,55 %	14,242	1,00	/	/	14,242
DK	WHB	1X14	L-istokka-fixx	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14	36 723,000	45 035,026	45 516,979	101,07 %	481,953	/	/	/	481,953
ES	ALF	3X14-	Il-fonsa ħamra	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14	51,000	58,000	59,069	101,84 %	1,069	/	/	/	1,069
ES	COD	1/2B.	Il-bakkal-jaw	Iż-żoni 1 u 2b	9 688,000	9 290,212	9 409,547	101,28 %	119,335	/	A (6)	/	119,335
ES	COD	1N2AB.	Il-bakkal-jaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	2 602,000	2 744,006	2 804,069	102,19 %	60,063	/	/	/	60,063
ES	GHL	1N2AB.	Il-ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	32,719	55,066	168,30 %	22,347	1,00	A	/	33,521

ES	HAD	1N2AB.	Il-merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	0,554	17,963	3 242,42 %	17,409	1,00	/	/	17,409
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	35,447	Mhux applikabbli	35,447	1,00	A	/	53,171
ES	POL	08C.	Il-pollakkju	8c	149,000	172,001	173,627	100,95 %	1,626	/	/	/	1,626
ES	POK	1N2AB.	Il-pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	17,250	25,413	147,32 %	8,163	1,00	/	/	8,163
ES	REB	1N2AB.	Ir-redfish	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	106,000	103,211	104,593	101,34 %	1,382	/	/	/	1,382
ES	RJU	9-C.	Ir-raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9	15,000	18,000	19,348	107,49 %	1,348	/	/	/	1,348
FR	JAX	4BC7D	Is-sawrell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 4b, 4c u 7d	267,000	396,532	461,312	116,34 %	64,780	1,00	/	/	64,780
FR	RJE	7FG.	Ir-raja għewejna	Iż-żoni 7f u 7 g	36,000	57,000	83,299	146,14 %	26,299	1,00	/	/	26,299
FR	RJU	8-C.	Ir-raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 8	13,000	23,000	24,081	104,70 %	1,081	/	/	/	1,081
IE	HER	6AS7BC	L-aringa	Iż-żoni 6aS, 7b u 7c	1 236,000	1 267,563	1 298,400	102,43 %	30,837	/	/	/	30,837
IE	POK	1N2AB.	Il-pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	28,810	51,017	177,08 %	22,207	1,00	/	/	22,207
MT	ALB	MED	L-alonga tal-Mediterran	Il-Baħar Mediterran	41,190	41,190	49,876	121,09 %	8,686	1,00	/	/	8,686

NL	POK	1N2AB.	Il-pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	4,000	47,097	1 177,43 %	43,097	1,00	/	/	43,097
PL	MAC	2A34.	Il-kavall	Iż-żona 3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c, 3d u 4	/	/	10,934	Mhux applikabbli	10,934	1,00	/	/	10,934
PT	ALF	3X14-	Il-fonsa ħamra	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14	145,000	142,314	145,155	102,00 %	2,841	/	A ([6])	/	2,841
PT	RJU	9-C.	Ir-raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9	15,000	32,000	33,907	105,96 %	1,907	/	/	/	1,907
SE	I/F	04-N	Il-ħut industrijali	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4	800,000	800,000	808,349	101,04 %	8,349	/	/	/	8,349

([1]) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2021 għall-2022 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u f'konformità mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([2]) Kif stipulat fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha tas-sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

([3]) Kif stipulat fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

([4]) L-ittra "A" tindika li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 peress li kien hemm sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2020, fl-2021 u fl-2022. L-ittra "C" tindika li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 peress li l-istokk ikun soġġett għal pjan pluriennali.

([5]) Il-kwantitajiet li jifdal mis-sena/snin ta' qabel.

([6]) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ma jkunx applikabbli peress li s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.